

ALBERTA.COM.MT

# ALARM SYSTEM
## MANUAL

alberta






<u>Nota</u>: Il-Buttuni tar-*remote* huma sensittivi. Oqgħod attent li ma jingħafsux buttuni bi żball biex tevita alarm falz.

WWW.ALBERTA.COM.MT

**Kif nista' nattiva l-alarm?** (Is-sensors kollha tad-dar)

<u>Mod A</u> (Mill- panel/keypad)

Agħfas  x2 u tista' toħroġ mill-bieb prinċipali tad-dar. Is-sistema tiġi attivata fil-ħin miftiehem mat-technician waqt l-installazzjoni.

<u>Mod B</u> (Mir-remote)

Agħfas 🔒 mir-remote kif inhu indikat f'numru 1 fl-istampa f'paġna numru 2 u tista' toħroġ mill-bieb prinċipali tad-dar. Is-sistema tiġi attivata fil-ħin miftiehem mat-technician waqt l-installazzjoni.

**Kif nista' nattiva s-sistema parzjalment? (Ċertu sensors fid-dar biss)**

<u>Mod A</u> (Mill- panel/keypad)

Agħfas  x2. Jekk is-sistema issaqsik għall-pin, daħħal il-pin u s-sistema tiġi attivata fil-ħin miftiehem mat-technician waqt l-installazzjoni.

<u>Mod B</u> (Mir-remote)

Agħfas il-buttuna indikata b'numru 3 fl'istampa tal-ewwel paġna u s-sistema tiġi attivata fil-ħin miftiehem mat-technician waqt l-installazzjoni.

**Kif nista' nitfi l-alarm? (Is-sensors kollha tad-dar)**

<u>Mod A</u> (Mill- Panel) Agħfas  x2 u daħħal il-pin.

<u>Mod B</u> (Bit-Tag)

Agħfas 

u poġġi t-token quddiem il-buttuna bin-numru 5 fuq il-panel.

<u>Mod Ċ</u> (Mir-remote)

Agħfas  mir-remote kif indikat f'numru tnejn fl-istampa tal-ewwel paġna.

**Kif nista' nżid, inbiddel jew inħassar pin jew tag mis-sistema?**

<u>Iżżid/Tibdel il-Pin:</u>

- Agħfas 

x2 u daħħal il-pin.
- Permezz tal-vleġeġ  fuq il-panel, mexxi il-menu fuq l-iscreen sakemm jiġi fuq **Codes/Tags** u agħfas 

- Ikkonferma li l-menu qiegħed fuq **Access Codes** u agħfas 

- Għażel **New/Change** u agħfas 

Permezz tal-vleġeġ, mexxi n-numru sakemm jiġi dak li inti tixtieq iżżid jew tibdel u agħfas 

Is-sistema issaqsik biex iddaħħal il-pin darbtejn.
- Agħfas 

x5 biex terġa tirritorna minn fejn bdejt.

**Biex tħassar code:**

<u>Billi tuża il- Pin:</u>

- Agħfas 

x2 u daħħal il-pin
- Permezz tal-vleġeġ  fuq il-panel, mexxi il-menu fuq l-iscreen sakemm jiġi fuq **Codes/Tags** u agħfas 

- Ikkonferma li il-menu qiegħed fuq **Access Codes** u agħfas 

- Permezz tal-vleġeġ  fuq il-panel, mexxi il-menu fuq l-iscreen sakemm jiġi fuq **Delete Code** u agħfas 

- Permezz tal-vleġeġ  agħżel in-numru li tixtieq tħassar (minn 00 sa 31 skond kif tkun ftehmt mat-technician waqt l-installazzjoni) u agħfas 

u s-sistema issaqsik jekk intix ċert li tixtieq tħassar il-pin.
- Agħfas  u 

- Agħfas 

x5 biex terġa tirritorna minn fejn bdejt.

**Kif tuża l-alarm minn fuq *Smartphone***

Jekk trid titfi jew tixgħel l-alarm minn fuq il-mobile trid tressaq il-buttuna fuq:

- *Partial* (Simbolu isfar) biex tattiva s-sistema parzjalment meta tkun id-dar
- *Armed* (Simbolu aħmar) biex tattiva l-alarm qabel toħrog mid-dar.
- *Disarmed* (Simbolu aħdar) biex titfi l-alarm meta tkun id-dar.

Għal iktar istruzzjonijiet, ċemplilna u niggwidawk fuq kif tuża s-sistema skond il-bżonn tiegħek.



**Kif inkun naf x’tip ta’ ħsara għandi fis-sistema meta l-panel tibda’ tteptep li hemm xi ħsara?**

Il-panel tibda timmarka ħsara meta tixgħel il-buttuna l-oranġjo. 

Biex tara xinhi l ħsara, agħfas u żomm il-buttuna  u s-sistema tindikalek il-problema. Jekk ikollok bżonn xi għajnuna, ċemplilna u niggwidawk.

**Jekk insib ruħi f’sitwazzjoni ta’ paniku u jkolli bżonn ngħajjat għall-għajnuna, x’nista’ nagħmel?**

Agħfas il-buttuni bis-simbolu tat-telefon f’daqqa  u s-sistema iċċempel lil-pulizija jew is-sistema ta monitoraġġ tagħna awtomatikament.

**Jekk idoqq l-alarm, kif inkun naf liem sensor ikkawża dan?**

Agħfas  x2 u daħħal il-pin. Is-sistema tinfurmak liem parti tad-dar ġegħlet l-alarm idoqq.

**X’irrid ngħafas meta jinqata’ d-dawl biex inkun ċert li l-alarm qed jaħdem tajjeb?**
Xejn. Din is-sistema tibqa’ taħdem awtomatikament.

**Kemm isservi l-batterija meta jinqata’ d-dawl?**
Normalment, il-batterija isservi madwar 10 siegħat. Dan jiddependi jekk sarx manutenzjoni fuq is-sistema fl-aħħar sentejn.

**Qed naħseb biex nibdel il-kumpanija li tipprovdili s-servizz tat-telefon. Din taffettwali l-alarm?**
Importanti li titkellem ma rappreżentant tal-Alberta biex jiggwidak fuq kif l-aħjar tipproċedi.

**Nista' nżid apparat ieħor mas-sistema tal-alarm tiegħi?**

Iva, imma idealment tkellem rappreżentant minn tagħna biex jiggwidak fuq kif l-aħjar tipproċedi.

**Nista' nordna remote oħra?**

Iva, din is-sistema tieħu sa tmin remotes.

Importanti! Agħmel *manutenzjoni* tal-alarm tal-inqas darba kull sentejn biex tkun ċert li s-sistema qed taħdem kif suppost.



## CUSTOMER CARE

t: (+356) 2144 3538

f: (+356) 2148 4077

e: customercare@alberta.com.mt

## 24HR EMERGENCY

t: (+356) 2144 4411

alberta